**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.**

**Kumpilazzjoni Nru. 548/2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Wayne Camilleri)**

**Vs**

**Ryan Caruana**

**Illum, 11 ta' Novembru, 2020**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

"**Ryan Caruana**, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 407796M

Billi int akkuzat, talli nhar fl-10 ta' Gunju, 2019, ghal habta tas-sitta u kwart ta' filghaxija (18:15) gewwa Triq Dicembru Tlettax, Marsa;

1. Minghajr il-hsieb li toqtol jew tqieghed l-hajja fil-periklu car, ikkagunajt ferita ta' natura gravi fil-gisem ta' Silvano Vassallo;

2. Volontarjament ksirt l-bon ordni jew il-kwiet pubbliku, bl-ghajjat u bil-glied."

Semghet ix-xhieda.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali datata 5 ta' Awwissu, 2020 fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub fl-:

1. Artikoli 17, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Artikoli 214 u 216 (1) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fl-artikoli 338(dd) tal-Kodici Kriminali, Kaptitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li matul is-seduta tas-17 ta' Settembru 2020 din il-Qorti, ai termini tal-Artikolu 370(3)(b) tal-Kodiċi Kriminali, wara li qrat l-istess nota fil-preżenza tal-imputat, staqsietu jekk kellux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat u deċiż minn din il-Qorti, ghal liema l-imputat wieġeb li m'għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet lill-allegati vittmi Silvano u martu Audrienne konjugi Vassallo jistqarru li huma lesti li jahfru lill-imputat.

Semghet it-trattazzjoni finali.

Rat u qieset id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

**Il-Fatti fil-qosor**

Illi l-akkuzi kontra l-imputat inhargu wara li nqala' incident bejn il-konjugi Vassallo u l-imputat, wara li Vassallo kienu qed isuq fit-triq u l-imputat kien warajhom. F'hin minnhom Vassallo waqaf u l-imputat waqaf warajh. L-imputat jghid li Vassallo hareg mill-karozza u mar fuqu. Kif ra hekk, l-imputat hareg mill-vettura tieghu. Il-partijiet gew fl-idejn, fejn allegatament Vassallo spicca gie aggredit mill-imputat.

**Il-Provi**

Il-Prosekuzzjoni prezentat l-**istqarrija ta' l-imputat**[1] fejn fiha l-imputat spjega li kien qieghed isuq il-karozza tieghu bin-numru ta' registrazzjoni RYN-259 fid-direzzjoni lejn il-Belt u kif wasal fit-triq bl-isem ta' Dicembru Tlettax gewwa l-Marsa kien qieghed isuq wara l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni SYL-621 fejn dan ta' l-ahhar kien qieghed isuq fuq il-lane ta' barra u bil-mod hafna tant li kien ghaddej bl-ghoxrin jew bit-tletin. Kompla jghid li l-karozzi ta' warajh kienu qed ipaqpqu u meta kien ser jipprova jaqbzu, ix-xufier tal-vettura SYL-621 ma hallihx. Qal li kompla jpaqpaqlu u x-xufier ta' quddiemu beda jaghfas il-break u baqa' sejjer hekk sakemm meta waslu hdejn il-Yellow Pages ix-xufier ta' quddiemu rega' ghafas il-break qawwi u kwazi habtu. Stqarr li x-xufier tal-vettura SYL-621 hareg mill-karozza flimkien mal-mara tieghu u hu hareg ukoll peress li ma setax isuq ghax kien hemm karozza wieqfa quddiemu. Spjega li x-xufier ta' quddiemu beda jghajjat, jimbuttah, joffendih u jheddu li ser iwaddbu wara l-barriers tant li fil-fatt imbuttah u waqa' wara l-barriers. Sussegwentament il-koppja marru fuqu u f'dak il-genn huwa waqa' u ghamel xi hsarat fil-vann taghhom filwaqt li kompla jispjega li kien

[1] A folio 10 – 12 tal-process.

hemm terza persuna li ppruvat tikkalmahom u twaqqafhom u wara li dahal fil-vettura tieghu l-koppja regghet marret hdejn it-tieqa tieghu tax-xufier u ix-xufier beda joffendih u jheddu li ser joqtlu.

Muri certifikat mediku ta' Silvano Vassallo li juru griehu ta' natura gravi, l-imputat spjega li daqqa ta' ponn zgur ma tax izda beda jimbuttahom biex jipprotegi ruhu. Huwa spjega li d-dashcam ma kinitx qed tirrekordja.

Nhar it-22 ta' Jannar, 2020 xehed **Stephen Cachia**[2] in rapprezentanza ta' l-Awtorita ta' Trasport f'Malta fejn spjega li l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni SYL-621 hija ta' l-ghamla Peugeot Partner ta' kulur blue u registrata fuq Silvano Vassallo bil-karta ta' l-identita' bin-numru 104573M u ilha hekk registrata mill-1 ta' Gunju, 2017. Spjega wkoll li l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni RYN-259 hija ta' l-ghamla Volkswagen Golf bil-kulur abjad registrata fuq Ryan Caruana, bil-karta ta' l-identita numru 407796M u ilha hekk registrata mit-8 ta' Frar 2018.

**L-ispettur Wayne Camilleri**[3] xehed fit-22 ta' Jannar 2020 fejn spjega li nhar l-10 ta' Gunju tas-sena 2019 gie nfurmat mis-surgent 1222 li dahal rapport dak inhar stess ghal habta tas-sitta u kwart ta' filghaxija li kien hemm argument gewwa Triq Dicembru Tlettax, Marsa fejn kien hemm zewg vetturi u xi nies involuti.

Spjega li hu gie infurmat mis-surgent li fuq il-post sabu lil Ryan Caruana li kien qed isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni RYN-259 kif ukoll Silvano Vassallo li kien qieghed isuq il-vettura SYL-621 u li kellu lil martu Audrienne Vassallo passiggiera mieghu.

[2] A folio 21 – 22 tal-process.
[3] A folio 29 – 31 tal-process.

Kompla jghid li hu gie infurmat mis-surgent li kien qam argument minhabba incident tat-traffiku li kien ghadu kemm sar fejn ix-xufiera l-ewwel argumentaw imbaghad hebbew ghal xulxin it-tnejn li huma. Aktar tard Silvano Vassallo kien hadilhom certifikat li kien qieghed isofri minn griehi ta' natura gravi filwaqt li Ryan Caruana kien prezentalhom certifikat mediku li juri li kien iqeghed isofri minn griehi ta' natura hafifa. Kien ghalhekk li huwa ordna lis-Surgent Vella Cassia sabiex johrog l-akkuzi kontra Silvano Vassallo, liema kaz gie gja deciz u ukoll kontra Ryan Caruana. Mistoqsi jekk Ryan Caruana kienx giex notifikat sabiex jixhed fil-kaz fejn Silvano Vassallo kien imputat, l-Ispettur spjega li ma kienx prezenti dakinhar.

Fit-22 ta' Jannar, 2020 xehed **Silvano Vassallo**[4] fejn spjega li hu kellu incident ma' l-imputat izda li huwa lest li jahfirlu u ma ghandux aktar interess fil-kawza. Huwa tenna li kien qieghed isuq gewwa Triq Dicembru Tlettax u beda jisma' horn minn warajh u x'hin hares, ra li kien hemm vettura warajh. Kompla jghid li t-triq kienet prattikament vojta dak il-hin u peress li l-imputat baqa' jpaqpaq, ma setax jifhem x'irid. Spjega li hu kien qieghed isuq fuq il-lane li qabel kienu jghidulha *overtaking lane* u kien qieghed isuq bi speed tajjeb u naqqas halli x-xufier tal-vettura ta' warajh jaqbzu izda a kuntrarju ta' dan, ix-xufier baqa warajh. Zied jghid li kien ghalhekk li hu waqqaf il-van, nizel hdejn ix-xufier tal-vettura li kienet qieghda ssuq warajh peress li kien ghadu fil-karozza u meta rah li kien guvni inhasad ghax jigi ibnu fl-eta', filwaqt li kompla jghid li prova jfehmu li hu kien qieghed isuq tajjeb f'dik il-lane ghax f'Malta ma tezistix il-fast lane u dan a kuntrarju ta' l-Ingilterra li ghandha l-fast lane. Spjega li l-imputat hareg mill-karozza, sahnu l-irjus, argumentaw u waqfu xi nies biex jikkalmaw is-sitwazzjoni izda gara li ghal xi raguni l-imputat ta' daqqa ta' sieq gol-

[4] A folio 32 – 38 tal-process.

bieba tal-vann tieghu u x'hin mar jistaqsih ghalfejn ghamillu hekk, l-imputat laqtu f'ghajnejh.

In kontro ezami, huwa spjega li kien cert li kien proprju l-imputat li kien qieghed ipaqpaq tant li f'hin minnhom kienu huma t-tnejn biss fit-triq. Mistoqsi jekk kienx hemm karozzi quddiemu, huwa spjega li kien hemm fil-boghod filwaqt li kompla li huwa kien qieghed isuq bl-ispeed ta' madwar 55 peress li huwa mkien ma jaqbez is-60. Mistoqsi ghalfejn waqaf u hareg mill-karozza hu qal "*ghax it was reckless and danger, he could have killed me, throw me of the curb*" filwaqt li spjega li l-imputat kien qed jidhol hafna taht il-vann tieghu. Mistoqsi ghala kellu johrog mill-vettura tieghu, ix-xhud spjega li hareg biex jara xi problema kellu x-xufier ta' warajh, filwaqt li ammetta li sakemm hareg kien irritat imma kif ra li x-xufier ta' warajh kien ghadu tifel, ikkalma. Huwa ccara li ma harigx irrabjat mill-vettura izda irritat.

Xehdet ukoll **Audrienne Vassallo**[5] fit-22 ta' Jannar, 2020 li spjegat li huma kellhom proceduri kontriha u kontra zewgha izda ma kienu wehlu xejn peress li kienu ddecidew li jahfru lil xulxin tant li l-imputat hafer lill-konjugi Vassallo u ghalhekk hi qieghda tahfer lill-imputat.

Spjegat li f'Gunju tas-sena 2019 ghal habta tas-sitta ta' filghaxija kienu ghaddejjin minn Triq Dicembru Tlettax, il-Marsa bil-karozza ghal affari taghhom u l-imputat beda "jiflexxjalna d-dawl" u jdoqqilna l-horn. Tenniet li fil-karozza kienu hi u zewgha u uliedhom fuq wara u kienu fi triqithom sabiex jaraw lill-kunjati. Kompliet li zewgha haseb li ta' warajhom ghandu bzonn jew ried xi haga u waqaf u hareg mill-vettura tieghu izda l-imputat nizel ghalih mill-karozza u beda jghajjat ma' wicc zewgha. Qalet li zewgha beda jghidlu li hawn Malta ma hawnx fast lane u l-imputat qallu "taf min jien" ... "ghax jien suldat".

[5] A folio 39 – 44 tal-process.

Ziedet tghid li hi kienet fil-karozza tisma' kollox izda nizlet mill-karozza x'hin l-imputat kien ser jahbat ghal zewgha u beda jghajjat f'wicchom, waqfu xi nies u bdew jippruvaw jikkalmaw is-sitwazzjoni.

**PS 1222 Karl Vella Cassia**[6] xehed fis-6 ta' Lulju, 2020 li fl-10 ta' Gunju, ghal habta tas-sitta u kwart ta' filghaxija gew infurmati li fi Triq Dicembru Tlettax kien hemm argument u marru fuq il-post flimkien ma' l-RIU, li waslu qabilhom izda kif waslu huma, l-argument kien lahaq intemm. Spjega li l-argument inqala' meta kienu qed isuqu wara xulxin certu Ryan Caruana u Silvano Vassallo li kien flimkien mal-mara tieghu Audrianne Vassallo Calleja u ghal xi raguni, x-xufier ta' quddiem beda jsuq bil-mod u spiccaw nizlu ghal xulxin fit-triq. Kompla jghid li Ryan Caruana prezenta certifikat mediku ta' *slight injury* filwaqt li Silvano Vassallo, l-ewwel prezenta certifikat mediku ta' *slight injury* u wara provda wiehed ta' *grievous injuries*.

L-Imputat **Ryan Caruana** xehed fis-17 ta' Settembru 2020 fejn spjega li fl-10 ta' Gunju, 2019 kien ghaddej mill-Marsa direzzjoni lejn il-Belt u kien hemm vettura misjuqa minn Silvano Vassallo tat-tip Peugeot bil-kulur blue skur li beda jserrep u kulhadd beda jpaqpaq. Hu beda jsuq bil-mod warajh izda x-xufier tal-vettura ta' quddiemu kien il-hin kollu jaghfas il-brakijiet u minflok tefa' fil-genb jew ghaggel, hareg ghalih u hu hareg mill-vettura biex jiddefendi ruhu. Spjega li l-ewwel li hareg mill-karozza kien ix-xufier tal-Peugeot li mar mal-hgiega tan-naha tieghu u beda joffendih u jghid kliem bhal 'noqtlok' u imbaghad hu hareg mill-vettura tieghu biex jiddefendi ruhu u baqghu jilletikaw filwaqt li l-mara u cioe' Audrienne Vassallo bdiet timbottah tant li imbaghad imbuttawh u gie wara l-barriers. Ix-xhud spjega li l-partijiet ftehmu li ser jahfru lil xulxin.

[6] A folio 56 – 58 tal-process

**Ikkunsidrat:**

Dwar id-dinamika ta' dan l-incident, din il-Qorti ghandha ghad-disposizzjoni taghha l-verzjonijiet kemm tal-parte civile kif ukoll ta' l-imputat u wkoll l-istqarrija ta' l-istess imputat rrilaxxjata lill-Pulizija nhar it-22 ta' Lulju, 2019.

Il-Qorti li kellha l-opportunita' tisma'x-xhieda u tevalwa l-provi mressqa, hija tal-fehma li l-argument inqala' waqt li Silvano Vassallo kien qieghed isuq il-vettura tieghu flimkien ma' martu u uliedu, u l-imputat kien qed isuq il-vettura tieghu, it-tnejn kienu qed isuqu fuq il-karreggjata ta' barra, maghrufa komunament il-'*fast lane'*. L-imputat hass li Vassallo ma kellux ghaliex isuq fuq 'il-*'fast lane'* u kien ghalhekk li l-imputat qaghad ipaqpaq lil Silvano Vassallo, minflok ma qabzu kif allegatament ghamlu vetturi ohra u baqa' sejjer.

Irrizulta pero' li Silvano Vassallo kien irritat u nizel mill-vettura sabiex jara ghaliex l-imputat kien qieghed ipaqpaq fil-vojt, bl-imputat jinzel mill-vettura tieghu u beda argument verbali waqt liema, l-imputat jidher hass il-bzonn li jghid lil Audrienne Vassallo li huwa suldat, sakemm il-partijiet spiccaw fl-idejn wara li l-imputat ta' daqqa ta' sieq fil-vettura ta' Silvano Vassallo.

**L-Ewwel Imputazzjoni**

Permezz ta' l-ewwel imputazzjoni, l-imputat gie akkuzat talli kkaguna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Silvano Vassallo.

Fl-appell kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Francis Dingli** deċiż fit-12 ta' Settembru 1996, intqal:

*L-artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali jghid li offiza hija gravi jekk iggib mankament jew sfregju f'certi postijiet tal-gisem, fosthom fil-wicc tal-offiz. Ma huwiex mehtieg li dan il-mankament jew sfregju jkun permanenti jew li jdum ghal certu numru ta' sighat, granet, gimghat jew xhur. Jekk, imbaghad, l-isfregju jkun gravi u permanenti jkun hemm il-figura tal-hekk imsejjha offiza gravissima kontemplata fl-artikolu 218(1)(b) .... L-appellant donnu qed jippretendi li biex il-Qorti tiddeciedi jekk offiza ggibx sfregju fil-wicc o meno jrid jghaddi certu zmien halli wiehed jara l-effetti li thalli l-ferita in kwistjoni fil-wicc. Dan mhux korrett. Kif ga` nghad, ghall-finijiet tal-artikolu 216(1)(b) sfregju anke ta' ftit granet, per ezempju sakemm is-suturi jew ponti jkunu ghadhom f'posthom, jammonta ghal offiza gravi, ghalkemm wara li jitnehhew il-ponti u jghaddi aktar zmien il-marka li tibqa' ma tkunx tikkwalifika bhala sfregju.*

Mill-provi rizulta mhux kontestat li l-feriti li kellu Silvano Vassallo gew kagunati mill-imputat waqt li kienu fl-idejn u li l-imputat ukoll kellu xi feriti fuq il-persuna tieghu ghalkemm ta' portata izghar. Madanakollu, l-Qorti tinnota li l-Prosekuzzjoni naqset milli tressaq lit-tabib li rrilaxxa c-certifikat mediku sabiex jispjega aktar il-griehi li garrab Silvano Vassallo, izda strahet biss fuq il-prezentata tac-certifikat mediku. Il-Qorti taghmel referenza ghal dak li jghid l-artikolu 638(1) tal-Kodici Kriminali:

*(1) Bħala regola, għandu jitqies li tinġieb il-prova l-aktar sħiħa u sodisfaċenti illi l-każ ikun jagħti, u li ma jitħalla barra ebda xhud li x-xiehda tiegħu tkun importanti.*

Stante li hawn si tratta ta' proceduri kriminali, ghalhekk il-provi migjuba quddiem il-Qorti jridu jkunu cari, inekwivoki u oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Ghajr ghac-certifikat mediku, ma tressqux provi ohra dwar il-griehi li sofra Silvano Vassallo. L-istess certifikat ma giex konfermat bil-gurament mit-tabib li rrilaxxjah. In oltre l-allegat vittma lanqas spjega kif huwa gie ferut tant li kull ma qal kien:

*"Ta daqqa ta' sieq gol-bieba tal-van tieghi. Jiena kont qieghed fuq in-naha ta' quddiem tal-van ghax in-nies zammew lilu wara l-van quddiem il-karozza tieghu u lili quddiem il-van. Minghajr ma trid tmur tara xi gralek fil-karozza u ghetlu "ghalfejn ghamiltli hekk" u ha nghid laqatni f'ghajnejja. Umbghad lahqu gew il-pulizija, dik hi l-istorja".*

Ghalhekk u in vista ta' dan kollu, wara li qieset ix-xhieda moghtija u ezaminat id-dokumenti l-Qorti ma tarax li l-Prosekuzzjoni ppruvat l-ewwel imputazzjoni sal-grad rikjest mill-ligi b'tali mod li l-Qorti tista' tasal ghal decizjoni li hija safe and satisfactory.

Illi ghalhekk, stante li din l-ewwel imputazzjoni ma gietx pruvata sal-grad rikjest mil-ligi fil-kamp kriminali, l-Qorti ma hiex se tezamina s-sottomissjoni ta' l-imputat tal-legittima difesa kif kontemplata fl-Artikolu 224 tal-Kap. 9.

**It-Tieni Imputazzjoni**

B'referenza ghat-tieni imputazzjoni, fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 ta' Novembru, 1999, fl-ismijiet **Il-Pulizija versus Maria Concetta Green**[7] inghad:

*"L-artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali jikkontempla r-reat komunement imsejjaħ 'breach of the peace'. L-elementi ta' dan ir-reat gew ezaminati funditus f'diversi sentenzi u gie ritenut li, bhala regola, ikun hemm din il-kontravenzjoni meta jkun hemm ghemil volontarju li minnu nnifsu jew minhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-ghamil isehh inissel imqar minimu ta' nkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew l-imputat) dwar l-inkolumita' ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' proprjeta', kemm b'rizultat dirett ta' dak l-ghemil jew minhabba l-possibilita' ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil. L-iskambju ta' kliem, anke jekk ingurjuz jew minaccjuz fih innifsu u minghajr ma jkun hemm xejn aktar x'jindika li dak l-argument jista' jizviluppa fih, jew iwassal ghal, xi haga ohra u aktar serja (bhal glied bl-idejn jew hsara fil-propjeta') ma jammontax ghall-breach of the peace fis-sens tal-artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali."*

L-istess Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Noel Tanti** deciza 5 ta' Mejju, 2005 rriteniet kif gej:

*Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali:*

*"**Il-Pulizija vs. Alfred Pisani**" [5.5.1995] ir-reat kontemplat fl-artikolu 338 (dd) tal-Kodici Kriminali javverra ruhu meta jkun hemm dak li fil-"common law" Ingliza kien jissejjah "a breach of the peace" . Bhala regola jkun hemm din il-kontravvenzjoni meta jkun hemm ghemil volontarju li minnu nnifsu jew minnhabba c-*

[7] Volum LXXXIII Part IV paġina 441

*cirkostanzi li fihom dak l-ghemil isehh, inissel imqar minimu ta' inkwiet jew thassib f' mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew l-imputat) dwar l-inkolumita' fizika ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' proprjeta' , kemm b' rizultat dirett ta' dak l-ghemil jew minnhabba l-possibilita' ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil.*

*Fl-Appell Kriminali "***Il-Pulizija vs. Paul Busuttil***" [23.6.1994] umbaghad gie ritenut li din l-ekwiparazzjoni ta' dan ir-reat mal-kuncett Ingliz ta' "breach of the peace" tirrisali ghal zmien Sir Adriano Dingli li proprju f' kawza deciza minnu fl-10 ta' Gunju, 1890, fl-ismijiet : "***Ispettore Raffaele Calleja v. Paolo Bugeja et***." *kien qal hekk :-*

> *"Che il buon ordine e la tranquillita' pubblica sta nella sicurezza , o nella opinione ferma della sicurezza sociale , -- nel rispetto dei diritti e dei doveri sia degli individui in faccia all' autorita' pubblica, sia degli individui stessi fra loro , e ogni atto che toglie o diminuisce la opinione della sicurezza pubblica , o della sicurezza individuale , e' violazione dell' ordine pubblico, independentemente dalla perpetrazione di altro reato." (Kollez. Vol. XVII, p.47, 475).*

*Fl-istess sentenza ta' Paul Busuttil gew citati b'approvazzjoni McCall* **Smith u Sheldon** *li, fil-ktieb taghhom "***Scots Criminal Law***" (Edin. Butterworths, 1992) , jghidu :-*

*"The essence of the offence is the causing of alarm in the minds of the lieges. This alarm has been variously defined by the Courts. In Ferguson v. Carnochan (1889) it was said not necessarily to be "alarm in the sense of personal fear, but alarm lest if what is going on is allowed to continue it will lead to the breaking of the social*

*peace". Alarm may now be too strong a term: in Macmillan v. Normand (1989) the offence was committed when abusive language caused "concern" on the part of policemen at whom it was directed." (p.192).*

*u dik il-Qorti ziedet tghid li :-*

*"Naturalment huwa kwazi impossibbli li wiehed jiddeciedi aprioristikament x' jammonta jew x' ma jammontax f'kull kaz ghar-reat ta' ksur volontarju tal-buon ordni u l-kwiet tal-pubbliku. Kif jghid awtur iehor Skocciz,* **Gerald H. Gordon** *, fit-test awtorevoli tieghu "The Criminal Law of Scotland" (Edinburgh, 1978):*

*"Whether or not any particular acts amount to such a disturbance is a question of fact depending on the circumstances of each case, and strictly speaking probably no case on breach of the peace can be regarded as an authority of general application." (p.985, para.41-01).*

*U aktar 'l quddiem l-istess awtur jghid:-*

*"...although it has been held not to be a breach of the peace merely to annoy someone such annoyance could amount to a criminal breach of the peace if the circumstances were such that it was calculated to lead actual disturbance." (p.986, para. 41-04).*

Mill-provi prodotti, ma jirrizultax illi kien l-imputat li ta lok ghal xi kommossjoni jew ghajjat u storbju fit-triq. Irrizulta li kien hemm argument bejn dawn it-tnejn minn nies. Lanqas ma jirrizulta li kien l-imputat li beda l-argument ghaliex l-allegat vittma stess Silvano Vassallo jghid li huwa hareg mill-vettura tieghu u mar mat-tieqa tan-

naha tal-imputat sabiex jara x'irid u li kien irritat. Ghalkemm jghid li x'hin ra lill-imputat ikkalma. L-imputat jghid ukoll illi kien Vassallo li nizel mill-vettura tieghu u mar mat-tieqa tal-vettura tal-imputat. Il-Qorti ghalhekk tqis li din l-imputazzjoni ma gietx sodisfacentement ppruvata fil-konfront tal-imputat sal-grad rikjest mil-Liġi.

Fir-rigward taz-zewg imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat, il-Qorti qeghda tqis ukoll illi l-allegati vittmi kkonfermaw illi huma hafru lill-imputat u li rrinunzjaw ghal dak li huwa rinunzjabbli u li din il-kawza tkompliet minhabba illi l-imputazzjonijiet migjuba huma ex ufficio.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17, 31, 214, 216 (1), 338(dd) u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u wara li qieset il-provi migjuba ma ssibx lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u konsegwentament qed tillibera lill-imputat mill-akkuzi migjuba kontrih.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur